Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 11/2016/1

**Schembri Barbros Limited**

**Vs**

**Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura**

12 ta' Lulju, 2019.

1. Bejn il-kontendenti hemm kwistjoni dwar is-somma ta' €17,156.88 Taxxa Fuq il-Valur Miżjud li r-rikorrenti ssostni li hi dovuta mill-intimata fuq kuntratt ta' xogħol li kienet ingħatat għal *'Paving and Finishing Works at British and Knights Building, Dockyard Creek, Cospicua'* (Kunratt riferenza numru CT3057/2013). Kuntratt li ngħata lir-rikorrenti wara proċess ta' *tender*. L-intimat isostni li l-ebda ħlas ieħor mhu dovut għaliex fil-kuntratt li ffirmaw il-partijiet kien dikjarat li l-prezz ta' €88,199.67 jinkludi t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.

2. B'deċiżjoni tal-25 ta' Jannar, 2016 l-Arbitru ddeċieda li r-rikorrenti kellha jedd għas-somma ta' tmint elef ħames mija u tmienja u sebgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (**€8,578.44)** wara li kkunsidra:-

   *"Illi fil-fehma tal-arbitru r-rikorrent għandu raġun igħid li huwa ġie indott fi żball meta minħabba żball fl-excel sheet, l-ammont li huwa daħħal mingħajr VAT, imbagħad l-istess ammont deher bħala 'total' bil-VAT. Hu jsostni li hu ġie żgwidat bit-total awtomatiku li tah id-dokument u rriproduċieh b'dak il-mod u kkopja l-ammont li tagħtu s-sistema stess fuq id-dokumenti sussegwenti u nduna biss bl-iżball meta ġie biex jitħallas.*

   *Illi l-iżball hu manifest u jirriżulta mill-BOQ. Anke l-intimati jammettu li kien hemm żball kif kienet mibnija l-BOQ mill-Awtorita kontraenti u jgħidu li din ma kinitx l-ewwel darba li BOQ ħarġet żbaljata......*

   *Ir-regola hija li kuntratti jridu jiġu eżegwiti in bona fede u dan igħodd kemm għar-rikorrent kif ukoll għall-intimat.*

*Inoltre, għalkemm bħala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (contra scriptum testimonium non fertur) pero din mhix regola assoluta u r-regola ma tapplikax f'dawk il-każi fejn u meta l-Qorti tkun persważa li jkun sar żball fil-kuntratt.*

*Iżda fil-fehma tal-arbitru għalkemm huwa veru li kien hemm żball fid-dokument li nħadem mill-intimat, kif ġustament sostna l-intimat ir-rikorrent ma setgħax ma jindunax bl-iżball u kien hemm aktar minn opportunita' waħda biex jinduna bl-iżball. Jirriżulta bħala fatt li r-rikorrent għadda minn diversi stadji biex jipproċessa l-offerta tiegħu u f'kull stadju u għal diversi drabi daħħal l-ammkont ta' €88,1999.67 bħala li jinkludi il-VAT, u għalhekk dak li sar, skont l-intimat, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala żball jew nuqqas. L-offerta mir-rikorrent kienet tinkludi bosta dokumenti li jikkonfermaw li l-prezz finali kien appuntu €88,199.67 inkluż il-VAT kif jirriżulta mid-dokumenti msemmija mill-intimat. Hawn jiġi rilevat pero li kif kellu jinduna bl-iżball ir-rikorrent, l-istess kellu jinduna bih l-intimat meta l-offerta ġiet ivvettjata.*

*Skond l-artikolu 18.2 tas-Special Conditions "the contractor shall be deemed to have satisfied himself before submitting his tender as to the correctness and sufficiency of the tender and of the rates and prices stated in the BOQ or price schedule". Jidher pero' li effettivament ir-rikorrent dana m'għamlux. Hu xehed li normalment ma jiċċekkjahx it-tender, ma joqgħodx igħodd il-figuri biex jara jaqblux għax ikollu ħafna kuntratti, u la c-cells kienu tajba, ħadha li l-figura finali kienet tajba wkoll. Fil-fehma tal-arbitru din mhijiex raġuni valida biex ir-rikorrenti jiġġustifika dak li hu kien obbligat skond il-conditions li jivverifika l-figuri. Barra minn hekk ir-rikorrent seta' induma meta l-formola u anke wara l-ammont li huwa offra ta' €88,199.67 mingħajr VAT ma setax tkun l-istess figura bil-VAT. Hu kien obbligat li qabel jiffirma kwalunkwe dokument ikun jaf x'fih, li hu korrett u mhux jaqbad u jiffirma bl-addoċċ.*

***Fiċ-ċirkostanzi l-Arbitru hu tal-fehma li f'dan il-każ kien hemm żball kemm min-naħa tal-kuntrattur u kemm min-naħa tad-Dipartiment billi wieħed naqas li jivverifika dak li kien qed jiffirma u l-ieħor għax ippreżenta informazzjoni żbaljata. Għalhekk li ġara kien it-tort tat-tnejn u t-tnejn iridu jsofru l-konsegwenzi.** Fiċ-ċirkostanzi ir-rikorrent għandu dritt jitlob biss għan-nofs is-somma mitluba".*

3. Ir-rikorrenti issostni li l-prezzijiet dikjarati fil-*bill of quantities*, ma kinux jinkludu t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. Fil-fatt fid-dokument relattiv, li pprovdietu l-intimata u li l-offerent kellu jimla b'mod elettroniku, intalab it-total **(Excluding VAT)** fir-rigward ta' tlett *items* differenti (ara paġna 19 ta' dik il-parti tad-dokument li tirrelata għal *'Preliminaries'* u paġna 16 għal dik il-parti tad-dokument li tirrelata għal *'West Dock – British & Knights Buildings').* L-istess fir-rigward tal-parti li tirrelata għal Daywork Schedule fejn jingħad, *"All Rates include overheads and profits and **exclude VAT**"*. Fl-aħħar paġna tad-dokument hemm stampat il-kliem *'Main Summary'* fejn jissemmew it-total ta' kull wieħed mill-*items* fuq imsemmi, **bit-total *(excluding VAT), 18% VAT* u *Total (including VAT)***. It-*total (including VAT)* stampat hu ta'

€88,199.55 mentri skont l-offerta tar-rikorrenti dak hu total mingħajr VAT. Ċifri li ma kinux *inputted* mir-rikorrenti iżda awtomatikament mis-sistema.

4. Jirriżulta wkoll li:-

   i. Fl-*Electronic Public Procurement System*, ir-rikorrenti ddikjarat prezz ta' €88,199.55 bħala *"Total including any discounts, VAT and other taxes"* (ara Dok. D mal-affidavit ta' Dr Franco Agius).

   ii. Qabel ir-rikorrenti ffirmat il-kuntratt bi prezz ta' *€88,199.55 including VAT*, irċeviet ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti datata 10 ta' Ottubru, 2013. Fl-ittra jingħad: *"The General Contracts Committee has accepted the recommendation for award of the above captioned tender in your favour* ***for the total price of €88,199.67 including VAT****"*.

   iii. B'ittra datata 19 ta' Ġunju, 2014 ir-rikorrenti ilmentat li fi stadju tat-*tender*, fil-parti tal-*Bill of Quantities 'Main Summary'* kien hemm żball peress li filwaqt li fil-kumplament tad-dokument jingħad li r-rati ma jinkludux it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, *"However, in the 'Main Summary' page, all totals are carried forward excluding VAT, but in cell F58, the total reads cell F62/1.18, therefore having 18% VAT deducted again from the subtotal, which is already excluding VAT"*.

5. Il-prezzijiet kollha li joffri l-offerent u li jitniżżlu fil-*bill of quantities* kellhom jinkludu fihom it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. Dan hu evidenti mill-kliem stampat fl-aħħar kolonna ta' kull faċċata, ***"Amount including taxes, other duties & discounts"***. Pero' hu minnu li fir-rigward tal-*preliminaries* fl-aħħar hemm stampat il-kliem ***"Total Amount to Main Summary (Excluding VAT)"***. Għal dak li jirrigwarda l-*West Dock – British & Knights Buildings* fl-aħħar hemm stampat il-kliem *"Total Amount € (Excluding VAT)"*. Għalhekk f'dik il-parti tad-dokument, ir-rikorrenti kellha tniżżel it-total **mingħajr VAT**, u hekk għamlet. Ammont li mbagħad is-sistema titrasferixxi waħedha ghal dik il-parti

tal-*bill of quantities* intestata *Main Summary*. Mela hu fatt li f'dik il-parti tad-dokument, ir-rikorrent tat it-tagħrif li ntalbet. Fl-aħħar tal-istess dokument fejn il-parti li tirreferi għal *dayworks*, hemm stampat ukoll in-notamenti:-

> *"Notes:*
>
> *All quantities above are Provisional*
>
> *All Rates include overheads and profits and **exclude VAT***
>
> *The price of any other material shall be accepted on presentation of fiscal invoice"*.

6. Mill-aħħar faċċata tad-dokument fejn hemm il-kliem *Main Summary*, hu evidenti li s-sistema tal-Gvern ittrasferiet għal dik il-parti t-total tat-tlett ċifri li kienu tniżżlu qabel u kkunsidrathom daqslikieku kienu jinkludu l-VAT, meta fir-realta' kienu ċifri li fihom mhemmx inkluż il-VAT. Sabiex wieħed jifhem aħjar qiegħed jiġi riprodott dik il-parti tad-dokument:-

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *Preliminaries* | *7,181.00* |
| *2.* | *West Dock – British & Knights Promenade* | *78,022.55* |
| *3.* | *Dayworks* | *2,996.00* |
| | *Total (Excluding VAT)* | *74,745.38* |
| | *Add 18% VAT* | *13,454.17* |
| | *Total (Including VAT)* | *88,199.55* |

7. Hu evidenti li dak li l-arbitru ddeskrivieh bħala żball, żviluppa minħabba li:-
   i. L-offerent intalab mid-Dipartiment sabiex jiddikjara t-total tal-prezzijiet mingħajr VAT;

   ii. Dak it-tagħrif ġie trasferit mis-sistema elettronika tal-Gvern għall-dik il-parti fejn hemm is-sommarju, u s-sistema kkunsidrathom bħala cifri li fihom hemm inkluż il-VAT meta ma kienx hemm. Fil-fatt mit-tlett ċifri dikjarati fil-parti *Main Summary*, is-sistema elettronika naqset il-VAT. Dan meta skond ma ddeċieda l-arbitru, ma kienx jifforma parti mill-istess ammonti.

   iii. Ir-rikorrenti ma qagħditx tgħodd it-total ta' *items* 1,2, u 3 f'daqqa u m'għamlitx *cross checking* ta' dak li kien stampat fl-aħħar faċċata tal-

*bill of quantities*. Tant hu hekk li fl-*electronic public procurement system* iddikjarat il-prezz ta' €88,199.55 li fih jinkludi l-VAT, meta l-offerta tagħha kienet ta' €88,199.55 mingħajr VAT.

8. M'hemmx dubju li l-kuntratt li ffirmaw il-partijiet jagħmilha ċara li l-prezz kien ta' €88,199.67 li jinkludi fih it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.

9. Pero' li dan kien każ ta' żball ġie determinat fid-deċiżjoni tal-arbitru. **Id-deċiżjoni ma tħalli l-ebda dubju li l-arbitru kkonkluda li sar żball fil-kuntratt, meta ġie dikjarat li l-prezz ta' €88,199.67**. Għalkemm f'ittra datata 15 ta' Settembru, 2014 id-Direttur tal-Kuntratti argumenta li r-rikorrenti ffirmat il-kuntratt *"despite the fact that he was aware of this issue"*, dak il-fatt ma rriżultax mill-provi u l-arbitru ma wasalx għal xi konklużjoni simili.

10. Ovvjament minħabba li l-jedd ta' appell hu limitat għall-punti ta' liġi (artikolu 70A(3) tal-Kap. 387), din il-qorti ma tistax terga' tagħmel apprezzament tal-provi fir-rigward ta' dak il-fatt.

11. Kull parti għamlet l-argumenti tagħha għalfejn ma taqbilx mar-raġunament tal-arbitru.

12. Fir-rikors tal-appell l-intimata għamlet riferenza:
    i. Għall-klawżola 5 tal-kuntratt li tagħmilha ċara li l-prezz jinkludi l-VAT;
    ii. Għall-artikolu 1008 tal-Kodiċi Ċivili;
    iii. *Misprints* żgħar fil-BOQ m'għandhomx jissuperaw l-intendiment tal-kuntratt li jieħu preċedenza fuq id-dokumenti l-oħra mehmuża mal-kuntratt;
    iv. Għall-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili u l-*General Rules governing tenders* li f'artikolu 7.2 jipprovdu: "*Tenderers **must quote all components of the price inclusive of taxes**, customs and import duties and any discounts. Tenderers not registered with the VAT authority in Malta must still include in their financial offer any VAT that the contracting*

*authority may have to pay either in Malta or the country where the tenderer is registered".*

v. Li kien jidher li l-arbitru ddeċieda l-każ fuq bażi ta' ekwita' meta suppost ibbaża d-deċiżjoni fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti. B'hekk id-deċiżjoni kellha tinkludi jew teskludi l-VAT.

13. Ovvjament illum il-ġurnata m'għadux possibbli li ssir korrezzjoni tal-*financial offer*. Il-kuntratt ġie ffirmat u l-proġett tlesta. Hu ovvju li meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt, kull waħda minnhom kienet qegħda tifhem li l-prezz dikjarat fil-kuntratt kienet korrett. L-intenzjoni tal-Gvern kienet li jagħti l-kuntratt lir-rikorrenti bi prezz ta' €88,199.67 li fih jinkludi l-VAT. Għall-Gvern ir-rikorrenti rebħet it-tender bi prezz ta' €88,199.67 bil-VAT inkluż. Min-naħa l-oħra ovvjament ir-rikorrenti kienet qegħda tifhem li dak il-prezz kien skont l-offerta li għamlet. Offerta li skont dik il-parti tal-*bill of quantities* li mliet, ma kienx hemm inkluż fiha l-VAT.

14. L-iżball ċar beda minħabba t-tagħrif li ntalab mill-offerenti fis-sistema tal-*etendering* għal dak li jirrigwarda t-total ta' prezzijiet tal-offerta (mingħajr il-VAT), u li s-sistema kkunsidrat il-prezzijiet li offriet l-offerenti bħala li jinkludu l-VAT. Fil-*bill of quantities* li fiha hemm l-offerta tar-rikorrenti u li a bażi tagħha r-rikorrenti rebħet it-*tender*, kien hemm stampat li l-prezz għal kull wieħed mit-tlett items ma kienx jinkludi VAT. Dan skont l-informazzjoni li talab il-Gvern stess. *Financial offer* li hi parti integrali mill-kuntratt li ffirmaw il-partijiet.

15. Li l-intimata targumenta li t-tagħrif li ntalab mingħand l-offerenti fir-rigward tat-total tal-prezzijiet mingħajr VAT kienu '*misprints żgħar'*, hu inaċċettabbli. Ir-rikorrenti tat it-tagħrif kollu li ntalbet mill-Gvern. Dan apparti li hu evidenti wkoll li l-*evaluation committee* naqas milli jikkunsidra d-dokument kollu, b'mod partikolari t-totali li jissemmew f'paġna 19 tal-*preliminaries*; paġna 16 dwar il-*West Dock – British & Knights Buildings*; u paġna 36 tad-*Daywork*

*schedule*. Skont it-tagħrif mogħti f'dawk il-partijiet tad-dokument, kien evidenti li t-total tal-prezzijiet offruti kellhom ikunu mingħajr VAT. Dan irrispettivament mill-aħħar kolonna li taqra *"Amount including taxes, other duties & discounts"*.

16. L-istadju tal-offerta kien stadju pre-kontrattwali. B'daqshekk ma jfissirx li l-Gvern ma jistax ikun responsabbli għall-inadempjenzi f'dak l-istadju. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tad-29 ta' April 2016, **Peter Fenech nomine vs Dipartiment tal-Kuntratti et**. Il-qorti qalet li kif il-konsorzju għamel l-offerta, inħolqot:-

> *'relazzjoni kunsenswali – ftehim taċitu de inuendo contractu – bejn il-partijiet fis-sens illi l-offerta titqies kif imiss u ma tiġix imwarrba jekk mhux għal raġunijiet li jiswew fil-liġi. Ir-responsabbilta' ta' min jonqos li jħares il-kondizzjonijiet ta' dan il-patt taċitu hija r-responsabbilta' ta' min jonqos li jħares patt kuntrattwali, u għalhekk hija ex contractu.......*
>
> *Qiegħed igħid sew id-Dipartiment illi d-disposizzjonijiet tal-liġi relativi għar-responsabilità ex delicto vel quasi ma jgħoddux għall-każ tallum. Madankollu, id-Dipartiment għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab il-Konsorzju, mhux għax naqas mill-obbligi tiegħu taħt l-art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili, **iżda għax naqas mill-obbligazzjoni kuntrattwali tiegħu – imnissla, kif rajna, mill-patt taċitu de ineundo contractu li jirregola l-proċess pre-kuntrattwali** – illi ma jwarrabx l-offerta tal-Konsorzju jekk mhux għal raġuni tajba li tiswa fil-liġi. Fil-każ speċifiku ta' sejħa għal offerti għal kuntratt pubbliku, raġuni tajba biex titwarrab offerta tista' tkun nuqqas ta' tħaris tal-kondizzjonijiet tas-sejħa, kondizzjonijiet sfavorevoli fl-offerta jew offerta aktar vantaġġjuża ta' terzi. Ġà ngħatat dikjarazzjoni ġudizzjarja, fis-sentenza li temmet il-kawża numru 972/2005, illi ma kienx hemm raġuni tajba u illi d-Dipartiment mexa ħażin meta warrab l-offerta tal-Konsorzju, għax warrabha għal raġuni li ma tiswiex fil-liġi. Dan in-nuqqas, waħdu, għax huwa ksur ta' patt kuntrattwali, inissel responsabilità mingħajr il-ħtieġa ta' dolus jew culpa proprji għal responsabilità ex delicto vel quasi li fittxet u ma sabitx l-ewwel qorti".*

17. Għalkemm il-każ tal-lum ma kienx wieħed fejn il-Gvern warrab l-offerta, il-prinċipju jibqa' l-istess. L-offerenti kellhom dritt jippretendu li l-*etendering system* ma jkunx fiha l-iżbalji spjegati hawn fuq. Hu ovvju li r-rikorrenti, bħala waħda mill-offerenti, ġiet żvijata meta ntalbet tagħti t-total tal-prezzijiet mingħajr VAT. Totali li mbagħad is-sistema elettronika kkunsidrat daqslieku kienu jinkludu l-VAT (ara l-aħħar faċċata tal-bill of quantities, ***Main Summary***). Fl-istadju pre-kuntrattwali kull parti għandha d-dmir li tikkomporta ruħha b'mod korrett taħt il-profil ta' lealta' u tutela tal-interessi

tal-parti l-oħra biex ma jkunx hemm komportamenti li jwasslu għal *dolo* jew *culpa* li jkunu leżivi tad-drittijiet tal-parti l-oħra.

18. Ir-rikorrenti ippreżentat appell inċidentali u ilmentat li:-
    i. *Il-lodo jiddifetta minn deċiżjoni loġika għall-ewwel sejbien tiegħu in kwantu ma kienx hemm raġuni valida għalfejn ma jikkundannax lill-Ministeru appellanti għall-ħlas kollu tal-VAT fuq il-prezz dovut lill-esponenti.*

    ii. *Illi l-kap tal-ispejjeż għandu jibidel b'dan li l-Ministeru għandu jiġi kkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż kollha.*

19. Il-qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tar-rikorrenti. In-nuqqas tar-rikorrenti li tivverifika l-kalkoli finali hu lampanti. Meta jsir *tender*, l-offerent għandu jiżgura li jkun preċiż fit-tagħrif li jagħti u jiċċekja dak li jniżżel. Il-qorti taqbel mar-raġunament tal-arbitru. Għalkemm ir-rikorrenti ġiet żvijata minħabba t-tagħrif li ntalab, setgħet tinduna li t-tlett totali ta' prezzijiet li offriet bla VAT, is-sistema reġgħet naqset 18% minnhom. Persentaġġ li kien jirrapreżenta VAT li qatt ma kien miżjud. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-parti tal-*bill of quantities* bit-titlu *Main Summary* fejn fl-ewwel parti hemm riprodotti t-tlett totali ta' prezzijiet bla VAT u iktar l-isfel hemm ***"Total (Excluding VAT)"***. Wieħed mit-total ta' prezzijiet kien €78,022.55 mingħajr VAT, u t-Total (Excluding VAT) kien €74,745.38. Ċirkostanza li minnha r-rikorrenti setgħet tinduna b'dak li ġara fl-istadju tal-offerta u mhux wara li ffirmat il-kuntratt. Għaldaqstant, ir-rikorrenti għandha ġġorr parti mir-reponsabbilta' għat-telf li sofriet. M'hemmx dubju li n-nuqqas tar-rikorrenti kkontribwixxa għat-telf li sofriet. Kemm kellha ġġorr mir-responsabbilta' għal dak li ġara, hi materja li kienet fid-diskrezzjoni tal-arbitru. F'dak ir-rigward ir-rikorrenti ma semmiet l-ebda punt ta' liġi li jista' jwassal lil din il-qorti biex tiddeċiedi mod ieħor.

20. In vista ta' dak li diġa intqal, it-tieni aggravju hu superfluwu.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell ta' kull parti. Kull parti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-appell li ppreżentat.**

Anthony Ellul.